# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).**

Illum 13 ta, Marzu 2002.
Il-Pulizija,
(Spettur Carmelo Magri)
vs
Raymond Scicluna.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra Raymond Scicluna ta' 41 sena bin Carmelo u Carmela nee Camilleri, mwieled il-Marsa u residenti 148 Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita numru 331058(M), akkuzat talli:

B'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, u cioe`:

1. f''dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Ottubru 1996 u matul ix-xhur ta' qabel f'diversi okkazzjonijiet u f'hinijiet differenti ikkommetta serq ta' kwantita ta' fannijiet u 'household appliances' ohra mill-fond numru 9, Triq is-Sebh, Marsa, ghad-dannu tad-dirigenti ta' 'Michael & Sons Ltd', liema serq huwa kkwalifikat: bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bil-persuna;

2. fl-istess dati, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali (folio 74) fejn talab li l-imputat jigi iggudikat minn dina l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta' l-imputat.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tinstemgha u tigi deciza minn dina l-Qorti.

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat bil-gurament.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-imputat ai termini tal-artikoli mahruga mill-Avukat akkuzat b' serq kontinwat aggravat bil-valur u l-persuna.

Il-provi juru li l-imputat kien ghamel xi perijodu fis-sena 1996 jahdem ta' mastrudaxxa fil-mahzen tas-socjeta` ‘Michael Vella & Sons Ltd’, ta' numru 9, Triq is-Sebh, Marsa, f’liema mahzen is-socjeta` kienet izzomm il-merkanzija li kienet timporta, fosthom fannijiet. Irrizulta li l-imputat ma kienx impjegat tas-socjeta` izda kien gie nkarigat jaghmel dan ix- xoghol minn Mario Vella li kien azzjonista u hu d-direttur Saviour Vella. Dawn ta' l-ahhar xehdu f’dawn il-proceduri u x-xhieda taghhom hija a folio 70 u 74 rispettivament.

Il-fatti li jinsabu pruvati, anzi whud minnhom ammessi mill-istess imputat, u li huma rilevanti ghal fini ta' dan il-gudikat, huma:-

- li s-socjeta`, rapprezentata mill-uniku direttur taghha, l-imsemmi Saviour Vella, ma kellha ebda oggezzjoni li l-imputat jintraprendi dan ix-xoghol fil-mahzen taghha;

- li s-socjeta` ma kellha ebda interess fix-xoghol li l-imputat kien qieghed jaghmel esklussivament fl-interess ta’ l-azzjonist tas-socjeta` l-imsemmi Mario Vella;

- Li fuq telefonata anonima li kien ircieva dan ta' l-ahhar, li l-imputat kien qieghed johrog merkanzija mill-mahzen, saret ghassa li kellha riskontri pozittivi fis-sens li gew misjuba zewg kaxxex fil-vettura ta’ l-imputat li kienu jikkontjenu fannijiet;

- li meta nstabu l-kaxxex, kif inghad, l-imputat kien prezenti flimkien ma’ ’l fuq imsemmija ahwa Vella u l-imputat hemmhekk ammetta li kien ittrasporta l-kaxxi mill-mahzen ghall-vettura tieghu bl-iskop li jbiehom. F'din l-okkazzjoni l-imputat ammetta li kien ghamel l-istess f''okkazzjoni wahda precedenti;

- li mhux kontestat li l-imputat hallas lis-socjeta` cirka Lm140 biex jaghmel tajjeb ghal dak li kien ha mis-socjeta`.

L-imputat stqarr fl-istqarrija minnu volontarjament rilaxxjata (folio 18) li kien ghamel dan billi ma kienx thallas kif kien imwieghed u fil-kors tax-xhieda tieghu spjega li “wara xi hmistax [kien talab] sabiex [itieh] xi haga tal-flus u dejjem [qallu] li kien ser (jghaddilu] flus pero` (dawn qatt ma [taghhomlu]” u dan b’referenza ghal Mario Vella li kien inkarigah u li mieghu l-imputat kien ftiehem.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-fatt, li tqajjem ukoll fit-trattazzjoni orali, xejn ma ghandu segwitu, lanqas fil-konsiderazzjoni dwar l-piena, billi ghandu jkun ovvju li jekk l-imputat kellu xi lment certament ma kellu ebda dritt li jippretendi li jiehu l-ligi b’idejh adirittura a detriment u pregudizzju ta’ terzi estraeji. Dal li jirrizulta wisq car hu li l-imputat ittrasporta oggetti ta’ proprjeta` tas-socjeta` minghajr il-kunsens taghha bl-iskop ta’ lukru. Ir-raguni ghaliex ghamel dan hi ghal kollox irrelevanti. Dak li hu determinanti f"dan il-kaz hu li l-elementi tas-serq jissusistu u ta' dan l-imputat ghandu jirrispondi.

Huwa wkoll daqstant ovvju li filwaqt li irrizulta s-serq l-akkuza ta’ ricettazzjoni ma treggix stante li z-zewg reati huma ghad-eskluzzjoni ta' xulxin.

Li riferibbilment ghall-aggravji tas-serq il-provi ma waslux sabiex giet ippruvata ghal kollox dik tal-valur li jirrizulta f’ammont li huwa taht l-elf lira Maltin (Lm1,000). Il-Qorti hi tal-fehma li, in vista tax-xhieda, li hija konfliggenti f’dan ir-rigward, il-foro kompetenti sabiex jigi determinat kemm effettivament soffriet danni s-socjeta` huwa dak civili. Altrimenti l- aggravju tal-persuna irrizulta.

Ghalhekk u in vista tal-fuq espost, konsiderat li l-imputat ghandu precedent ta’ serq iehor kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu esebita, hi tal-fehma li piena ta’ prigunerija taddici ghall-kaz. Rat l-Artikolu 18, 261(c)(d), 267, 268, 279(a), 280(1), u 31 tal-Kap 9, tiddeciedi, filwaqt li tiddikjarah hati tal-ewwel akkuza, cioe` tar-reat ta' serq kontinwat, bl-aggravji tal-valur u persuna, li tikkundannah sena prigunerija li tordna li ghandha tibqa sospiza ghall-perijodu ta' erba' snin sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor fil-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza sospiza bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat l-import tas-sentenza u r-responsabbilitajiet ta' l-imputat naxxenti mill-istess.

A.M. Trigona,

Magistrat.

Niddikjara li ttraskrivejt bis-sewwa u fedelment ir-registrazzjoni tat-'tape'.

Albert Calleja,
Deputat Registratur.

"c

-'